**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 t'April 2024**

Rikors Numru: 561/23 AL

A B

vs

Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Liliana Buhagiar li permezz tad-digriet tat-18 ta' Diċembru 2023 ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D E

(M.R. Numru 244/1998)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-Partijiet izzewwgu fit- 2 t' Ottubru 1997 gewwa Misterbianco, Sqallija (tnejn t 'Ottubru, elf disa mija seba u disghin)

2. Illi permezz ta' sentenza datata28 t' Ottubru 2008, moghtija mill-Qorti tal-Familja, (kopja vera annessa u mmarkata bhala Dok CA 1), giet ippronunzjata s-separazzjoni legali bejn il-Partijiet;
3. Illi, minn din is-sentenza ebda appell ma kien intavolat, (certifikat f dan is-sens anness u immarkat bhala CA 2;)
4. Illi l esponenti m ghandiex taghrif fejn jirrisjedi C D E, u dan stante illi l ahhar li ikkomunikat mieghu kien iktar minn sittax (16) il-sena ilu, u b hekk jehtiegu li jinhatru deputati kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil istess konvenut;
5. Illi b hekk ebda kaz ta' arrettrati ta' manteniment ma jezisti bejn il-Partijiet.
6. Illi iz-zewgt ulied mwieldha minn dan iz zwieg F u G E illum ilhom maggorenni;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju (hall) bejn il-Partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jkun irregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz ta' eċċepew:

1. Illi sabiex it-talbiet attrici jkunu jistgu jirnexxu, l-attrici jehtigilha tiddikjara li ma hemm ebda manteniment jew arretrati ta' manteniment pendenti li huma dovuti jithallsu mill-esponenti lilha;
2. Illi l-esponenti m'ghandhom ebda forma ta' kuntatt ma' C E u ghalhekk m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz.
3. Illi gialadarba l-attrici kienet qed tircievi manteniment ghal uliedhom regolarment minghand l-intimat, jigi minnha li tghaddi kull mezz ta' komunikazzjoni li jista` jwassal ghal biex l-esponenti jaghmlu kuntatt mal-assenti rapprezentant minnhom.

4. Illi huma jirrizervaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri f'kaz li uma jkunu aktar edotti mill-fattispece tal-kaz odjer.
5. Illi C E m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Frar 2024;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-28 ta' Ottubru 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.